MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 480/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Matteo Lamanna (ID 439983M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u sitta u sebghin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm576.46c) in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21324483.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante illi, apparti l-hlas tal-kera tas-servizz, l-ammont pretiz mhux dovut mill-konvenut billi fl-ebda zmien, ebda residenti jew persuni b'access ghall-fond

numru 5C, Falcon House, Triq il-Kbira, Sliema fejn kien hemm installata l-linja in kwistjoni numru 21324483 qatt m'ghamlu telefonati lokali jew ghal barra li waslu ghall-kont pretiz ta' hames mija u sitta u sebghin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm576.46c).

Sema' x-xhieda ta' Dr Keith Grech, Francis Debono, Matteo Lamanna u ta' Sophie Lamanna.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici qieghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u sitta u sebghin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm576.46c) liema kont jirrapprezenta parti minn kont li kien akbar riferibbilment ghas-servizz numru 21324483 li kien installat fuq il-fond 5C, Falcon House, Triq il-Kbira, Sliema wara li sar ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut.

Il-konvenut kien ircieva kont fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm661.80c) izda malli rcevieh huwa kkontestah minnufih u dan partikolarment billi huwa allega li t-telefonati li kienu jibdew bil-prefiss 56 ma sarux minnu jew minn xi membri tal-familja tieghu. Huwa talab li s-socjeta' attrici tikkancella t-talba taghha fir-rigward tieghu ghar-rigward ta' dawn in-numri izda hallas l-ammont li skond hu ma kienx *in dispute*.
Wara tali lment il-korporazzjoni ressqet il-kaz quddiem il-Bord ta' l-Appell intern taghhom, liema Bord ta' l-Appell ma laqax it-talba tal-konvenut.

It-Tribunal ghandu dubji serji dwar kemm l-istess proceduri nterni jistghu jitqiesu bhala proceduri ta' l-appell u dan billi fl-ebda mument ma jkun prezenti l-*complainant*. Inoltre, lanqas ma jirrizulta li dan il-Bord jista' b'xi mod jigi meqjus bhala Bord indipendenti w imparzjali u dan minghajr ma jaghmel l-ebda rifless fuq l-integrita' tal-persuni nvoluti.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi mill-provi prodotti mill-konvenut, it-telefonati li saru bin-numri li jibdew bin-numru 56 ma sarux mill-konvenut jew mill-membri tal-familja tieghu izda jirrizulta li fl-istess zmienijiet il-konvenut kellu *cordless telephone* fir-residenza tieghu u huwa maghruf illi f'certu zmienijiet, meta jkun hemm certu tip ta' *cordless phones*, nies li jkunu minn barra jkunu jistghu jaqbdu direttament fuq il-linja ta' dak li jkun u juza dak is-servizz minghajr ma s-*subscriber* ikun jaf. Possibbilta' ohra hija li persuna tidhol fuq il-wires li jkunu ghaddejjin minn fuq il-bjut u wara li jkun hemm certu *tampering*, jisserva bil-linja tat-telefon u jaghmel telefonati minnha. Dawn huma kollha possibbiltajiet izda mill-atti f'din il-kawza ma jirrizultawx debitament pruvati.

Min-naha l-ohra, t-Tribunal huwa konvint illi persuna jew persuni mhux maghrufa uzufruwixxu ruhhom mis-servizz telefoniku tal-konvenut ghad-detriment tieghu izda t-Tribunal ma jhoss li tali detriment ghandu jigi mghobbi kompletament fuq l-istess konvenut u parti mill-piz ghandu jigi merfugh mis-socjeta' attrici li del resto ghandha taccerta li meta tipprovdi servizz bhal dan in kwistjoni, li dan ikun *safe* kemm jista' jkun u jelimina l-possibbilta' ta' *tampering*. Ta' min jinnota li jkun konvenjenti ghas-socjeta' attrici illi tghid illi kull telefonata li ssir mis-servizz taghha ghandha tigi mhallsa mis-*subscriber* jekk min-naha taghha hi ma taccertax ruhha li l-wires ossija cables li jservu r-residenzi ndividwali jkunu saru b'mod u manjera illi hadd ma jkun jista' jittemperja maghhom minghajr ma jinduna s-*subscriber*.

Mill-provi prodotti fl-atti huwa difficli biex dan it-Tribunal jasal ghal xi forma ta' komputazzjoni u ghalhekk ser ikollu juza d-diskrezzjoni tieghu *arbitrio et bono viri* u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal ihoss li mill-kont mitlub ghandu jkun hemm riduzzjoni tas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) izda m'ghandux ikun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici in parte u jikkundanna lill-konvenut

sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u sitta u sebghin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm476.46c). L-interessi jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza. L-ispejjez huma kollha a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------